**Ħokkli dahri ħa nħokklok tiegħek**

Hekk insib min jgħidli
Jiftaħli għajnejja,
Hekk sabiħa l-ħajja
Li dejjem għaddejja.

L-imħabba titkejjel
Mhux le mill-favuri,
Min iħobb għalihom
Ma jkollux unuri.

Imħabba ġenwina
Hi dik li tingħata,
Minn qalb kollha safa
Hi taf tirrelata.

Għalhekk ħalli nħobbu
Mingħajr interessi,
Halli jkollna l-paċi
Ma nkunux dipressi.

L-imħabba tinkludi
Ma tqaċċat 'l barra 'l ħadd,
Taghmel l-almu tagħha
Sabiex tħobb lil kulħadd.

M'hemmx għalfejn tingħażel
Qiegħedha hemm għalina,
Tweżżinna bil-ħlewwa
Mhux bil-ħarta ttina.

Ħalli nħarsu 'l quddiem
Fit-telgħa w il-wita,
Ħa tikber l-imħabba
Traxxax bħal dix-xita.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.